**Minuti tal-25 Laqgħa tat tieni-Kumitat Amministrattiv ta' Ħal Farruġ li saret nhar l-Erbgħa 9 ta' Awwissu 2017 fil-5:30 P.M. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa**

Preżenti: il-Membri

| | |
|---|---|
| Ic-Chairperson | Is-Sur. Raymond Saliba |
| Il-Membri | Is-Sur. Joe Borg<br>Is-Sur. Kerstin Gatt |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Michael Portelli |

**Aġenda**

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Imqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Aġġornament

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-minuti ġew approvatti b' vot unanimu.

## 2. PUNTI IMQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Is-Sur. Saliba saqsa fuq punt 3.5 kif konna bqajna.

## 3. KORRISPONDENZA

3.1 Is-Sur. Borg semma li Triq is-Sarsella Ħamra u Triq il-Vitorja hemm bżonn issir il-bankina billi hawnhekk kienet sfrondat. Is-Segretarju semma li din tista ssir kif kienet saret il-bankina Triq il-Qasam Sperimentali.

3.2 Is-Sur. Gatt saqsa jekk kienx hemm xi risposta fuq il-One Way li kellha ssir fl-inħawi. Is-Segretarju semma li hawn ma kienx qagħad hemm risposta fuq it-talba li saret lit-Transport Malta.

3.3 Is-Sur. Saliba semma li ma kienx hemm sinjali tal-parkeġġ fi Triq Ħal Qormi u kien qed ikun hawn ħafna abbużi u anki lok li jingħataw ċitazzjonijiet. Is-Segretarju qal lic-chairperson biex ikellem lis-Sindku u jaraw fuq il-post għall din il-problema tal-parking.

3.4 Is-Sur. Saliba semma li kien hemm bżonn li jsiru Stop signs fi Triq il-Vjolin Ħadrani fil-biċċa qabel toħroġ fi Triq Ħal Qormi. Huwa semma wkoll li hemm bżonn li jsiru miżuri li jnaqqsu l-veloċita hawnhekk.

3.5 Is-Sur. Saliba semma li kienu saru xi marki ħodor f' parti minn Triq Ħal Qormi. Is-Segretarju semma li huwa ma kienx jaf bihom u ried jiċċekkjahom.

3.6 Is-Sur. Gatt semma jekk nistgħux nagħmlu xi pelican lights fejn hemm l-Express Trailers billi hawnhekk kienu jgħaddu ħafna vetturi jsuqu ħafna. Is-Segretarju qal li rridu naraw mat-Transport Malta fuq dan il-każ.

3.7 Is-Sur. Borg semma jekk jistgħux isiru bellusha globes fejn hemm iz-zebra Cross ta' meġenb l-Express Trailers.

## 4 AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha nhar l-Erbgħa 9 t' Awwissu 2017 fis-6.15 pm. Kien hemm id-data tal-11 ta' Settembru proposta għall laqgħa li jmiss.

______________________ ______________________

Raymond Saliba
Chairperson

Michael Portelli
Segretarju Eżekuttiv